# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 50

L-Erbgħa 15 ta' Ġunju 2022

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġużè' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex' nhar il-Erbgħa 15 ta' Ġunju 2022 fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sur Joseph Cauchi – Kunsillier
Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 50.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

50.1.1 Il-membri kollha kienu preżenti u għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

### 50.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

50.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 49 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

50.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

50.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 50.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

50.3.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri għarraf lill-membri li saret il-laqgħa ta' kull xahar mal-uffiċċjali tal-Pulizija tal-komunita', kif ukoll mas-Supredtendent t'Għawdex. Huwa qal li waqt din il-laqgħa ġew diskussi diversi materji fosthom l-*overspeeding* fil-lokalita' speċjalment fi Triq il-Madonna tal-Karmnu fil-Munxar u fi Triq il-Munxar, kif ukoll l-abbuż mill-istabilimenti fix-Xlendi li apparti li ħadu l-bankini kollha bl-imwejjed u s-siġġijiet qed ukoll joħonqu t-toroq. Il-Pulizija saħqu li dwar l-imwejjed u s-siġġijiet tar-ristoranti m'għandhom l-ebda saħħa ta' infurzar iżda l-ilmenti għandhom jiġu ndirizzati lil MTA u l-Lands Authority. Wara diskussjoni bejn il-membri kien hemm qbil sabiex dan l-ilment jgħaddi formalment lil dawn iż-żewġ awtoritajiet.

50.3.2 Is-Sindku ressaq suġġeriment f'isem il-Parroċċa sabiex b'kollaborazzjoni magħhom il-Kunsill jorganizza ħarġa bit-*trackless train*. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

## 50.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

50.4.1 Il-Kunsillier Joseph Cauchi staqsa dwar l-islipway tax-Xlendi li għandha bżonn xi manutenzjoni minħabba l-istat li tinsab fiha. Is-Sindku wieġeb li diġa' kienet saret laqgħa ma' Infrastructure Malta li huma responsabbli minn dan ix-xogħol. Kien hemm qbil sabiex tintbagħat tfakkira lil din l-aġenzija kif ukoll lis-sezzjoni tal-*fisheries*.

50.4.2 Il-Kunsilliera Juliet Attard fakkret dwar ix-xogħol ta' tindif tal-i*storm water culverts* fil-Munxar. Is-Sindku wieġeb li bħalma jsir kull sena, dan ix-xogħol se jsir qabel jibda l-istaġun tax-xita.

50.4.3 Il-Kunsillier Mark Busuttil staqsa dwar it-tindif tat-taraġ li minn Triq San Xmun jagħti għal Triq Punici. Is-Sindku wieġeb li dan ix-xogħol se jsir minn ħaddiema tal-Kunsill fil-jiem li ġejjin.

## 50.5 Proġetti fil-Lokalita';

50.5.1 Is-Sindku, Damien Spiteri, għarraf lill-membri dwar il-progress li sar fl-aħħar jiem fuq ir-restawr tat-torri tax-Xlendi fuq il-parti ta' ġewwa fejn ġie mqiegħed il-pavimentar fis-sular ta' fuq kif ukoll tlesta x-xogħol ta' kisi u tikħil. Ġiet approvata wkoll l-estensjoni għat-tlestija tal-proġett sal-aħħar ta' Diċembru 2022 u t-trasferimenti tal-fondi għar-restawr u l-konservazzjoni tal-affreski misjuba.

50.5.2 Is-Sindku informa lill-membri li ġew konklużi l-fatturi u l-pagamenti għax-xogħlijiet ta' restawr ta' ħitan tas-sejjieħ fi Triq tax-Xadba u ser jibdew id-diskussjonijiet dwar l-inawgurazzjoni ta' dan il-proġett b'fondi ko-finanzjati mill-Unjoni Ewropeja taħt il-miżura 4.4.

50.5.3 Dwar il-proġett ta' Triq L-Isqawi fil-Munxar taħt żewġ skemi b'ko-finanzjament mill-Unjoni Ewropeja, is-Sindku għarraf lill-membri li se jitkompla l-bini tal-ħitan tas-sejjieħ wara li jinstab ġebel adattat mill-kuntrattur. Kif jitlesta dan ix-xogħol ser jiġu nstallati l-i*street furniture*. Is-Sindku informa lill-membri li għaddejjin laqgħat mal-imsieħba tal-proġett fir-rigward tal-ewwel attivita' sabiex jiġu konklużi l-pagamenti relatati ma' din l-ewwel attivita'. Rigward it-tieni attivita' marbuta ma' dan il-proġett, is-Sindku ppropona sabiex din tiġi posposta minn

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

Settembru 2022 għal April 2023. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

50.5.4 Is-Sindku informa lill-membri li x-xogħol fuq il-proġett tal-Pjazza tal-Knisja għaddej fl-aħħar fażijiet tiegħu fejn ftit tal-jiem ilu ġew installati l-funtani u ser jitkompla x-xogħol ta' skavar biex jiġu konnessi l-katusi tal-ilqugħ tal-ilma tax-xita.

50.5.5 Dwar il-proġett taħt l-iskema tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali 'Aċċessibilta u Mobilita', is-Sindku spjega li l-Kunsill qed jistenna l-permessi mingħand Transport Malta wara li l-Kunsill ġie mitlub jemenda l-pjanti mill-Perit. It-talba ta' estensjoni għat-tlestija tal-proġett ġiet approvata sal-aħħar ta' Settembru 2022.

50.5.6 Is-Sindku għarraf lill-membri li fir-rigward tal-iskema maħruġa mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali għall-*playingfields* fil-lokalitajiet, ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet relatati mas-sistema l-ġdida tad-dwal fi Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina u ppropona sabiex il-bord ikun magħmul minn Inġinier, mill-Accountant tal-Kunsill is-Sur Daniel Galea u mis-Sur William Sultana, filwaqt li s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ikunu c-*chairman* u s-segretarju tal-bord rispettivament. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan. Is-Sindku għarraf lill-membri li ġaladarba l-Kunsill ikollu l-ammont tal-ispiża tad-dwal ikun jista' jressaq talba għat-trasferiment tal-fondi sabiex jiġu utilizzati l-fondi allokati mas-*safety mats* li kienu saru taħt skema oħra filwaqt li jiġu nklużi s-*safety railings* minflok.

## 50.6 Approvazzjoni tal-*Quarterly Financial Report*: Jannar 2022 – Marzu 2022 (L-ewwel kwart);

50.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport finanzjarju ta' kull kwart mill-1 ta' Jannar 2022 sal-31 ta' Marzu 2022 li ntbagħtu wkoll għall-attenzjoni tal-membri permezz ta' *email*.
Ir-rapport finanzjarju tal-ewwel kwart Jannar 2022 – Marzu 2022 ġie approvat unanimament mill-membri preżenti u ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

## 50.7 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;

50.7.1 Il-Kunsill irċieva proposta mingħand il-Perit Samuel Formosa b'ġustifikazzjoni għaliex il-parti l-ġdida biswit Triq Damasku għandha tiġi rranġata u titkompla b'pavimentar pariġġ il-Pjazza tal-Knisja. Huwa saħaq li l-istat ta' din it-trejqa m'għadux f'kundizzjoni tajba wara li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma riedet tibdel is-servizzi tagħha f'din il-parti, kif ukoll il-Ministeru għall-Enerġija talab biex jgħaddi s-servizzi tiegħu biex jinstalla *charging pillar* għal żewġ parkeġġi ta' vetturi eletriċi. Il-Perit ikkonsulta mal-Awtorita' tal-Ippjanar dwar permessi neċessarji u ġie nfurmat li l-Kunsill għandu jotjeni permess minn Transport Malta biex ikun jista' jipproċedi b'dan ix-xogħol. Wara diskussjoni bejn il-membri, kien hemm qbil sabiex filwaqt li l-Kunsill imexxi bil-proposta u d-direzzjoni tal-Perit, jithejja rapport mill-Perit dwar il-varjazzjonijiet fil-kuntratt biex jiġi ppreżentat lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali għall-approvazzjoni tad-Direttur Christopher Galea.

50.7.2 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Ministeru għall-Enerġija dwar l-installazzjoni ta' *charging pillar* fi Pjazza tal-Knisja fil-Munxar. Wara diskussjoni mill-membri dwar dan, ġie nnutat li minħabba li l-proġett tal-pjazza issa jinsab fi stadju avvanzat, u filwaqt li trid tingħata aktar attenzjoni speċjalment għall-pjanti li laħqu tħawwlu madwar is-siġar mnejn se jgħaddu s-servizzi tagħhom, l-ispiża kollha relatata ma' dan ix-xogħol għandha tiġi assorbita mill-Minsiteru tagħhom. Il-membri rrimarkaw ukoll li għalkemm ic-*charging pillar* se jkun disponibbli għal żewġ parkeġġi, parkeġġ wieħed għandu jkun riservat esklussivament għall-vetturi elettriċi.

50.7.3 Il-Kunsil irċieva korrispondenza mingħand id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali li l-applikazzjoni għall-fond t'aġġustament ġiet aċċettata u l-Kunsill ser ikun qed jirċievi l-fondi kemm tal-fond t'aġġustament kif ukoll talli fil-lokalita' tinsab zona turistika.

50.7.4 Il-Kunsill irċieva żewġ notifiki mill-Qorti tal-Maġistrati t'Għawdex bir-risposti mingħand l-Aġenzija għall-Infrastruttura f'Malta u mingħand is-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex fil-konfront tal-protest ġudizzjarju minn Felix u Micheline konjugi Cutajar. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li r-risposta tal-Kunsill ser tkun qed tiġi irreġistrata fil-qorti t'Għawdex wara konsultazzjoni mal-avukat tal-Kunsill.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

50.7.5 Kunsill Reġjonali Għawdex – Proġett Power Assisted Pedal Cycles (PAPC). Il-Kunsill innota l-kontenut.

50.7.6 Sezzjoni tal-Ħarsien tal-Annimali fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex – Inizjattiva ta' Cat Houses. Il-Kunsill innota l-kontneut.

50.7.7 DLG – Talba għall-informazzjoni relatata mal-Manifest Elettorali 2022-2027. Il-Kunsill innota l-kontenut u issottometta l-informazzjoni mitluba.

50.7.8 Ċirkulari DLG 5/2022 – Kjarifiċi dwar il-Ftehim Kollettiv għas-Segretarji Eżekuttivi. Il-Kunsill innota l-kontenut.

50.7.9 Ċirkulari DLG 62022 – Skedi tal-Pagamenti għall-użu tal-Compliance Unit. Il-Kunsill innota l-kontenut biex l-amministrazzjoni taderixxi ma' din iċ-ċirkulari.

50.7.10 Ċirkulari Numru SPI/SCI/5/2022 – Finanzjament għal xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq funtani fil-lokalitajiet f'Malta u Għawdex. Il-Kunsill innota l-kontenut.

50.7.11 AKL – Laqgħa Plenarja AKL – 18/06/2022 ġewwa Hastings. Il-Kunsill innota l-kontenut.

50.7.12 Ċirkulari Nru AKL 2022/050 – Mediterranean Tourism Foundation (invit). Il-Kunsill innota l-kontenut.

50.7.13 Ċirkulari Nru AKL 2022/051 – Compose Plus Round Table 27/05/2022. Il-Kunsill innota l-kontenut.

50.7.14 Ċirkulari Nru AKL 2022/052 – L-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali qed taħdem flimkien mal-Assoċjazzjoni tal-Muniċipalitajiet tal-Lombardija – Involviment tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

50.7.15 Ċirkulari Nru AKL 2022/053 – EQF/MQF Level 5 Award in Public Speaking and Speechwriting. Il-Kunsill innota l-kontenut.

50.7.16 Ċirkulari Nru AKL 2022/054 – Taħriġ mill-Jobsplus. Il-Kunsill innota l-kontenut.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

50.7.17 Ċirkulari Nru AKL 2022/055 – Certificate in Digital Marketing. Il-Kunsill innota l-kontenut.

50.7.18 Ċirkulari Nru AKL 2022/056 – Sessjoni Parlamentari bit-titlu "Abbużi fuq l-Anzjani u Drittijiet" mtella' mill-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani. Il-Kunsill innota l-kontenut.

50.7.19 Ċirkulari Nru AKL 2022/057 – SIS Funds 2023 - MIVC. Il-Kunsill innota l-kontenut.

50.7.20 Ċirkulari Nru AKL 2022/058 – EUCF Business Breakfast 22/06/22. Il-Kunsill innota l-kontenut.

50.7.21 Ċirkulari Nru AKL 2022/0059 – Plenary Conference – Transport Park & Ride. Il-Kunsill innota l-kontenut.

50.7.22 Ċirkulari Nru AKL 2022/060 – Plenary Conference – Transport Fast Ferry. Il-Kunsill innota l-kontenut.

50.7.23 Ilment 27/2022
Residenta titlob sabiex isir xogħol ta' ħasil permezz ta' *bowser* fil-pjazzetta ta' Triq 12 ta' Diċembru 1957. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

50.7.24 Ilment 28/2022
Resident jitlob sabiex isir xogħol ta' *patching* fi Triq Dun Spir Gauci fil-Munxar quddiem entratura ta' garaxxijiet ta' William's Court. Kien hemm qbil mill-membri sabiex jittieħed parir mill-Perit tal-Kunsill.

50.7.25 Ilment 29/2022
Residenta titlob sabiex isir xogħol ta' qtugħ ta' ħaxix ħazin fi Triq it-Torri fix-Xlendi. Is-Sindku wieġeb li dan ix-xogħol sar fil-jiem li għaddew.

50.7.26 Ilment 30/2022
Resident jitlob sabiex jiġi nstallat *railing* fit-taraġ ta' ħdejn Churchill Restaurant. Għalkemm il-membri nnutaw li diġa' hemm wieħed man-naħa tal-blat, kien hemm qbil mill-membri sabiex dan is-suġġeriment jgħaddi għand is-sezzjoni tal-*beaches* fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

50.7.27 Ilment 31/2022
Residenta titlob sabiex Triq Ras il-Bajada fil-Munxar tiżdied mal-lista li toħroġ l-Awtorita' tal-Ippjanar biex ma jsirx xogħol ta' twaqqiegħ u skavar fil-perjodu tas-Sajf. Wara diskussjoni bejn il-membri, huma kkonfermaw id-deċiżjoni li kienet ittieħdet f'laqgħa preċedenti sabiex f'din il-lista jkun hemm biss toroq fix-Xlendi.

50.7.28 Ilment 32/2022
Resident jitlob sabiex isir *re-painting* tal-marki stradali fi Triq il-Qroll fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri.

**50.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;**

50.8.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 50/2022-8 għall-perjodu bejn it-13 ta' Mejju 2022 u l-15 ta' Ġunju 2022 li tammonta għal €80,428.15 ġiet approvata u ffirmata. Il-Viċi Sindku Carmela Parnis kienet il-proponent filwaqt li l-Kunsilliera Juliet Attard is-sekondant.

**50.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

50.8.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.30 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Erbgħa 20 ta' Lulju 2022 fil-5.00 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, l-Erbgħa 20 ta' Lulju 2022.

IFFIRMATA
Damien Spiteri
Sindku

IFFIRMATA
Ryan Debrincat
Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR